SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦDAX (KONTINWAZZJONI NUMRU 2)**

**1 ta' Ġunju, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius, l-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

## 11.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (Kontinwazzjoni)

11.1.65 Saret referenza għal minuta 10.6.34 fejn il-Kunsill kien infurmat li t-tabelli dwar il-ftuħ għal pubbliku tal-*cart ruts* kienu ġew ordnati filwaqt li l-ittra lil Awtorita' Maltija tat-Turiżmu kien se jiġi vverifikat jekk kinitx mibgħuta.

11.1.66 Dwar minuta 10.6.24 il-Kunsill kien infurmat li l-konferenza tal-*ECAD* se ssir f'Settembru li ġej.

11.1.67 Dwar minuta 10.6.16 kien hemm qbil li fid-diskussjoni kienet ukoll imsemmija Triq iż-Żebbuġ.

11.1.68 Dwar minuta 10.6.20 il-Kunsill kien infurmat li kienu saru żjarat fuq il-postijiet fir-rigward tal-*pedestrian crossings* mill-Kunsillier responsabbli u l-perit tal-Kunsill, fejn ser isir rapport dwar kull talba.

## 11.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.2.1 **"Wara l-insistenza tal-Kunsillieri Joan Farrugia u Marica Bayliss kif ukoll tal-Kunsillier Neville Mallia rigward li l-każ li l-Kunsill kellu fuq kont mhux imħallas li jammonta għal € 37,000 li fuqu l-Kunsill għal sena sħiħa l-Kunsilliera qatt ma kienu nfurmati."** Is-Sindku **"~~għamel referenza~~" "rrisponda"** għad-diskussjonijiet li għaddejjin mal-MEPA fir-rigward tax-xogħlijiet li kienu saru taħt l-iskema tal-*Urban Improvement Funds* u li dwarhom kien hemm problemi min-naħa tal-Kumitat tal-UIF tal-MEPA.

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.2 F'dan l-istadju Membri tal-Kunsill qalu li ma kienux jafu dwar tali problema u li din qatt ma kienet diskussa f'seduta tal-Kunsill.

11.2.3 Is-Sindku stieden lil Avukat Keith Grech sabiex jagħmel intervent u jgħarraf lil Kunsill bil-pożizzjoni attwali f'dan ir-rigward.

**11.2.3a "Il-Kunsillier Neville Mallia staqsa għalfejn ġie l-Avukat meta l-Kunsill ma konna nafu b'xejn li għal din il-laqgħa kellu jiġi l-Avukat."**

***Emendata Laqgħa nr. 12***

**11.2.3b "Is-Sindku rrisponda lil Kunsillier Neville Mallia li peress li l-Avukat kien jinstab fil-Kunsill rigward xogħol ieħor konness ma' l-istess Kunsill, informa lil Kunsill li l-aktar persuna idonja, jispjegalna hu aktar fid-dettal il-kwistjoni kollha."**

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.4 **"Il-Kunsillier Marica Bayliss f'dan l-istadju ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera u l-Avukat, li l-MEPA skont il-kuntratt iffirmat bejn l-istess MEPA u l-Kunsill, qabel il-pagament finali riedu jsiru żewġ pagamenti oħra, li sal-lum, sena wara li ntemm ix-xogħol, għadhom ma ġewx mgħoddija lilna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hu kiteb u nsista kemm-il darba u baqa' bla risposta. Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet ukoll lil Avukat jekk qatt waqt ix-xogħlijiet sarux spezzjonijiet u ċertifikazzjonijiet mill-Periti, kemm tal-Kunsill u tal-MEPA kif speċifikat fil-kuntratt. L-Avukat wieġeb li fid-dokumentazzjoni ppreżentati lilu ma hemm l-ebda referenza għal spezzjonijiet u ċertifikazzjonijiet."** L-Avukat Grech informa lil Kunsill li l-kwistjoni kienet żvillupat wara li l-MEPA ma kienux approvaw xi xogħlijiet u ċ-ċertifikazzjoni tal-Perit, li wassal biex ma jkunux jistgħu isiru l-pagamenti relatati.

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.5 Għamel referenza għal bosta laqgħat li kienu saru bejn il-partijiet kollha nvoluti sabiex tipprova tinstab soluzzjoni malajr kemm jista' jkun u li sa riċentament kien bagħat lil avukat tal-MEPA u għaddilu dokumenti li kienu apparentament mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill u li l-MEPA ma kellhomx.

**11.2.5a "Il-Kunsillier Marica Bayliss staqsiet jekk kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet ma kienx perikoluż li l-Kunsill iġiegħel lil kuntrattur jiftħilna kawża? L-Avukat qal li hu ma kien qatt infurmat b'dan u kemm kien ilu fuq dan il-każ, erba' xhur ilu, qatt fil-preżenza tiegħu ma ntqal dan."**

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.6 Semma wkoll li preżentament għaddejjin diskussjonijiet bejn l-avukat tal-kuntrattur, l-avukat tal-MEPA u bejnu sabiex sa fejn hu prattikament possibli il-każ ma jispiċċax fil-Qrati.

11.2.7 Semma wkoll illi f'dan ir-rigward jekk il-kuntrattur jfittex lil Kunsill, il-Kunsill irid jiftaħ kawża lil MEPA.

**11.2.7a "F'dan l-istadju l-Kunsillier Marica Bayliss riedet tkun taf min se jidħol responsabbli għal fatti, il-MEPA ma żammitx mal-kuntratt u l-Periti ma għamlux ix-xogħol mitlub minnhom u għaliex il-Kunsill ma ħax mill-ewwel parir legali."**

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.8 Għamel ukoll referenza għal talbiet li saru dwar ta' kopja ta' dokumenti **"qal li l-Kunsilliera għandhom ikunu nfurmati b'dak kollu li jkun qed jiġri fil-Kunsill u jaraw id-dokumenti, hekk kif tgħid il-Liġi"** fejn saħaq li l-Kunsill għandu jkun attent sabiex jiggarantixxi mhux biss li jimxi mal-Liġi iżda wkoll li

jasal għal soluzzjoni bejn il-partijiet mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa ta’ passi ulterjuri.

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.9 Is-Sindku rringrazzja lil Avukat Grech għall-intervent tiegħu u ssospenda l-laqgħa għal ħames minuti.

11.2.10 Il-Viċi Sindku kien skużat mil-laqgħa fid-9.10 ta’ filgħaxija.

11.2.11 Il-laqgħa tkompliet fid-9.15 ta’ filgħaxija.

11.2.12 Il-Kunsill iddiskuta l-proċess tal-każ li qed iwassal għal diversi ħlasijiet legali li kellu jidħol fihom minħabba l-attaġjament tal-MEPA, u kien hemm qbil li kull żvilupp ikun infurmat bih.

11.2.13 Il-Kunsill ikkunsidra **“żewġ ittri mibgħuta mill-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Lourdes u Għaqda Festa Esterna Madonna ta’ Lourdes biex jiġu organiżżati attivitajiet b’kollaborazzjoni mal-Kunsill konnessi mal-festa” “~~li jiġu organiżżati attivitajiet b’kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Lourdes u l-Għaqda Festa Esterna Madonna ta’ Lourdes~~”**, fejn saret diskussjoni dwar iż-żewġ proposti.

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.14 Il-Kunsill Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

11.2.15 “*Il-Kunsill jaqbel illi din is-sena jagħmel attivita’ b’kollaborazzjoni mal-Għaqda Mużikali Madonna ta’ Lourdes u dan peress li s-sena preċedenti kien għamel waħda mal-Għaqda Festi Esterni Madonna ta’ Lourdes u li jivvota l-massimu ta’ €1,000 għal din l-attivita, liema ammont hu ekwivalenti għall-attivita’ oħra li saret din is-sena* ***“ma’ San Gwann Nursery”****’.*”

***Emendata Laqgħa nr. 12***

11.2.16 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia.

11.2.17 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ressaq din l-emenda:

11.2.18 “*Il-Kunsill jaqbel li l-ammont tal-vot ikun ta’ €1,500 li jirrappreżenta l-istess ammont ivvutat fis-sena preċedenti.*”

11.2.19 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba.

11.2.20 Din l-emenda ma għadditx bi tliet voti favur, erbgħa kontra u astenzjoni.

11.2.21 Fuq talba għal *division* tal-vot irriżulta li l-voti favur kienu tal-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Rita Saliba u Joan Farrugia, dawk kontra kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera David Dalli, Marica Bayliss u Neville Mallia u l-astenzjoni tal-Kunsillier Violet Bajada.

11.2.22 Ittieħed il-vot fuq il-mozzjoni oriġinali li għaddiet b'erba' voti favur, tlieta kontra u astenzjoni.

11.2.23 Fuq talba ghal *division* irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera David Dalli, Marica Bayliss u Neville Mallia, dawk kontra tal-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Rita Saliba u Joan Farrugia u l-astenzjoni tal-Kunsillier Violet Bajada.

11.2.24 Fuq talba għal spjegazzjoni, l-Kunsillier Violet Bajada qalet li l-astenzjoni tagħha kienet minħabba li temmen li ż-żewġ attivitajiet għandhom isiru **"u għandhom jiġu mgħejjuna mill-Kunsill"**.

***Emendata Laqgħa nr. 12***

## 11.3 Attivitajiet Jum San Ġwann

11.3.1 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul id-dettalji tal-programm għal Jum San Ġwann, fejn kien propost li tiġi diskussa l-għoti tal-Mertu San Ġwann għal din is-sena, liema programm kien unanimament approvat mill-Kunsill.

11.3.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

11.3.3 "*Il-Kunsill jaqbel li l-premju Mertu San Ġwann għal din is-sena jingħata lil Fr Leonard Falzon u lis-Sinjura Rina Genovese.*"

11.3.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

11.3.5 Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici għamel referenza għal għoti tal-istess premju fis-sena preċedenti fejn ħass li hu ma kienx mogħti tali premju bħal ħaddieħor u dan fisser li ma ngħatax rikonoxximent tal-ħidma tiegħu.

11.3.6 Il-Kunsill iddiskuta li dan ma kienx il-fatt kif kien ġie spjegat f'laqgħa preċedenti, filwaqt li qabel li jistudja l-possibilta' li jsiru sett ta' regolamenti.

11.3.7 Il-Kunsill kien infurmat li fir-rigward tal-kunċert ta' Jum San Ġwann se tiġi adottata l-istess sistema li ntużat fil-kunċert tal-Milied, fejn kull Membru jgħaddi l-massimu ta' ħames inviti (b'żewġ ismijiet) li jiżdiedu mal-lista tal-invitati mill-Kunsill.

11.3.8 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li se ssir attivita’ ta’ kompetizzjoni mal-iskejjel kollha f’San Ġwann dwar *poster* magħmul minn materjal riċiklat u li t-trofew għalihom se jiġu sponsorjati minn *GreenMT*.

11.3.9 Il-Kunsill kien infurmat ukoll li fir-rigward tar-riċeviment ta’ wara l-kunċert se tinżamm ukoll l-istess proċedura tax-xiri fejn inġabru kwotazzjonijiet għal *catering*, fejn kien hemm qbil li din tiġi mgħotija lil *La Ciliegia Confectionery* peress li kienet l-irħas kwotazzjoni, filwaqt li x-xiri tax-xorb u nbid se jsir direttament mill-Kunsill, u li se tinħareġ ordni diretta peress li l-ebda waħda minnhom ma kienet taqbeż il-ħtieġa ta’ sejħa għall-offerti.

11.3.10 Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri tal-medalji relatati mal-Mertu San Ġwann kif ukoll kien infurmat li se jsiru trofej għal diversi attivitajiet minn materjal riċiklat.

11.3.11 Kienet diskussa wkoll l-ħtieġa ta’ ko-ordinament mal-Pulizija dwar l-attivitajiet u li kien se jkun hemm bżonn li jiġi mikri s-servizz bi ħlas sabiex jinżamm il-kontroll tat-traffiku u s-sigurta.

11.3.12 Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-programm tal-ġurnata sportiva li ser tinżamm fid-19 ta’ Ġunju b’kollaborazzjoni ma’ *San Gwann Football Nursery*.

11.3.13 Il-Kunsill qabel ukoll li minħabba li s-sejħa għal kwotazzjonijiet għal provista ta’ dwal u *sound* għall-attivitajiet kienet se tagħlaq fl-4 ta’ Ġunju, s-Sindku, l-Kunsillier Marica Bayliss u s-Segretarju Eżekuttiv jiftħu l-kwotazzjonijiet riċevuti u ssir l-għażla.

## 11.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ Xogħlijiet u Attivitajiet

11.4.1 Il-Kunsill kien infurmat li kienu riċevuti erba’ kwotazzjonijiet għas-sejħa għat-tindif ta’ toroq mhux urbani, fejn wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jibda joħroġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

11.4.2 F’dan l-istadju tal-laqgħa kien diskuss li l-ftuħ tal-kwotazzjonijiet jibda jsir bl-istess proċess li jinfetħu s-sejħiet għall-offerti.

11.4.3 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

11.4.4 “*Il-Kunsill jaqbel li l-ftuħ tal-kwotazzjonijiet jibda jsir permezz tal-istess proċess li jsiru s-sejħiet tal-offerti u dan billi jkunu mistiedna jattendu l-Kunsilliera kollha u jinfetħu l-kwotazzjonijiet skond il-kriterji tal-Liġi f’ħin stabbilit li jkun fis-siegħa ta’ wara nofsinhar.*”

11.4.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u għaddiet unanimament.

11.4.6 Il-Kunsill kien infurmat li l-applikanti għal kwotazzjoni għat-tindif tat-toroq mhux urbani kienu mingħand is-Sur Leli Borg bil-prezz ta' € 4350, *Twish Co Limited* bil-prezz ta' € 1954, is-Sur Philip Seguna bil-prezz ta' € 3995 u *RACS Limited* bil-prezz ta' € 3950.

11.4.7 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din il-mozzjoni:

11.4.8 "*Il-Kunsill japprova li l-kwotazzjoni għat-tindif ta' toroq mhux urbani tiġi aġġudikata lil Twish Co Limited peress li hi l-irħas kwotazzjoni.*"

11.4.9 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet unanimament.

11.4.10 Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf hekk kif imsemmija f'Memo 73/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

11.4.11 Il-Kunsill kien infurmat li kien ġie mitlub jagħti l-kummenti tiegħu għal tliet proġetti nazzjonali – dak tal-*junction* fi Triq Mikiel Anton Vassalli, il-pjan nazzjonali tal-*Flood Relief Project*, u dak ta' *Science Park* fiż-Żona Industrijali, fejn id-dokumenti riċevuti kienu għad-dispozizzjoni tal-Membri.

11.4.12 Il-Kunsill kien infurmat li kien mistieden jattendi għal konferenza stampa mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u minn dak tat-Turiżmu dwar attivitajiet kulturali.

11.4.13 Il-Kunsill kien infurmat li l-allokazzjoni annwali tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara se tkun ta' € 163,623, u li għaldaqstant għal kumplament ta' din is-sena se tlaħħaq għal € 81,811.50, fejn hu mifhum li minnhom iridu jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi relatati.

11.4.14 Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li sakemm ma jkunx hemm ħtieġa oħra, l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru kull l-ewwel Tnejn tax-xahar.

11.4.15 Fuq proposta tal-Kunsillier Neville Mallia, ssekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia l-Kunsill qabel unanimament li jestendi l-ħin sabiex titkompla l-laqgħa.

## 11.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Pagamenti

11.5.1 Il-Kunsill kien ippreżentat bl-iskedi ta' pagamenti numru 20, 21 u 22 kif ukoll t-talbiet tal-pagamenti mingħand *Dimbros Limited* li ġew ċertifikati mill-Perit tal-Kunsill, li jinsabu anessi bħala dokumenti '11A' sa '11D' ma' dawn il-Minuti.

11.5.2 F'dan l-istadju tal-laqgħa, l-Kunsill iddiskuta l-infieq mill-*petty cash* għal perjodu bejn Jannar u Marzu, 2010, partikolarment dak tal-*fuel*.

11.5.3 Kienet ukoll diskussa s-sitwazzjoni fir-rigward ta' nuqqas ta' servizz u l-l-kundizzjoni ħażina tal-van mikri mingħand *ALM Enterprises Limited*, fejn kien hemm qbil li għal xi ġranet li l-Kunsill kien bla servizz dawn għandhom jiġu mnaqqsa kif ukoll li għandu jingħata avviż finali sabiex il-vettura tkun f'kundizzjoni perfetta kif ukoll li għandha tingħata vettura oħra meta l-vann ma jkunx fi stat li jopera.

11.5.4 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

11.5.5 "*Il-Kunsill japprova l-ħlas tal-iskedi tal-pagamenti kif imressqa.*"

11.5.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier David Dalli u approvata unanimament.

11.5.7 Kien hemm qbil unanimu li l-mozzjonijiet li kienu fl-aħħar *item* tal-aġenda jiġu mressqa f'aġenda ġdida tal-laqgħa li jmiss.

11.5.8 Il-laqgħa ntemmet fil-11.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **12 ta' Lulju, 2010**

______________________ ______________________

Joseph Agius — Adrian Mifsud
Sindku — Segretarju Eżekuttiv